FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 12 ta' Ottubru, 2001

**Numru 13**

**Avviz. numru 658/01JR**

**P. Cutajar and Co. Ltd.**

**vs**

**Dismar Co. Ltd.**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Awissu, 2001, fejn intalab il-hlas ta' elf mija wiehed u sebghin lira Maltija sebgha u disghin centezmu (Lm1171.97), rapprezentanti prezz ta' merci mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta` konvenuta.**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet sal-jum tal-hlas effettiv.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta debitament notifikata baqghet ma pprezentatx**

**risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr Anthony Vella ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut.**

**Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta' elf mija wiehed u sebghin lira Maltija sebgha u disghin centezmu (Lm1171.97) bl-imghaxijiet mit-23 t'Awissu, 2001, sal-jum tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**